**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Lulju, 2021.**

**Rik Gur : 189/2019 AGV**

**Avukat ABC**
**Vs**
**Avukat DE**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' l-Avukat Onorevoli DE** ipprezentat fis-26 ta' Novembru 2020;

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit- 30 ta' Gunju 2001 minghajr kitba taz-zwieg u ghalhekk permezz taz-zwieg taghhom, il- komunjoni tal-akkwsiti giet stabbilita bejn il-parijiet bhala r-regim matrimonjali li tirregola il-propjeta' taghhom;
2. Illi matul iz-zwieg taghhom huma kellhom hamest ulied u cjoe';

a. **F** li twieldet fis- 26 ta' Frar 2003 u ghalhekk illum ghandha l' fuq minn sbatax-il sena.
b. **G** li twieldet fit-18 ta' Novembru 2004, u ghalhekk illum ghandha ' fuq minn sittax-il sena.
c. **H** li twieldet fit- 12 ta' Ottubru 2006 u ghalhekk illum ghandu ' l fuq minn 14-il sena.
d. **I** li twieldet fil-5 ta' Ottubru 2008 u ghalhekk lum ghandu 'l fuq minn tnax-il sena.
e. **J,** li twieled fid- 29 ta' Ottubru 2011 u ghalhekk illum il-gurnata ghandu ' l fuq minn 9 snin.

3. Il-manteniment dovut lil-esponenti ghal bzonnijiet tal- ulied dejjem thallas minghajr ebda problema;
4. Illi l-partijiet ilhom jghixu separati l ' fuq minn sentejn wara li l-esponenti kien gie kostrett minn martu jallontana ruhhu mil-fond taz-zwieg fejn baqghet tirrisjedi l-intimata flimkien mal-ulied minuri tal-partijiet.
5. Illi l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti huwa fl-interess taz-zewg partijiet u konsegwentament, fl-ahjar interess tal-ulied minuri tal-partijiet ghaliex jitnaqqas l-iskop tad-dizgwid ta' bejniethom. Minkejja li llum il-partijiet jghixu hajja indipendenti minn xulxin kemm finanzjarjament u kif ukoll emozzjonalment , il-waqfien tal-komujoni tal-akkwisti jgib il-beneficcju li l-partijiet jkunu jistghu jagixxu f' atti civili minghajr il-kunsens ta' xulxin u kif ukoll- a fortiori in vista tal-indipendenza surriferita- li ma jibqghux responsabbli ghad-djun li xi hadd minnhom jista' talvolta jaghmel;
6. Illi ghalhekk l-intimata mhux sejra issoffri ebda pregudizzju u certament mhux ser issoffri minn xi pregudizzju sproporzjnat f' kaz li din l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti;
7. Illi ma hemmx raguni ghaliex il-komunjoni ezistenti bejn il-kontendenti ghandha tibqa' fis-sehh;

Ghaldaqstant, l-esponenti jitlob bir-rispett lil din Onorabbli Qorti;

i. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan a disposizzjoni tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
ii. Tordna li s-sentenza hekk moghtija tigi notifkata lid-Direttur tar-Registru Pubbliku u dan taht disposizzjoni tal-artikolu 55(5) tal-istess Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta.
iii. Tiddikjara li regim matrimonjali applikabbli bejn il-partijiet huwa dak tas-separazzjoni tal-assi.

Dan taht dawk il-provvedimenti illi dina l-Qorti joghgobha taghti.

Bl-ispejjez kontra l-intimata.

**Il-Qorti rat ir-risposta tal-Avukat ABC ghar-rikors tal-konvenut prezentat fis-26 ta' Novembru 2020 ghat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet.**

**Tissottometti bir-rispett:**

Illi bir-rikors fuq imsemmi l-konvenut qieghed jitlob sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bhalissa in effett bejn il-partijiet fit-termini tal-Artikolu 55 tal-Kodici Civili.

Illi r-rikorrent jallega bazikament li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti huwa fl-interess taz-zewg partijiet u konsegwentement (i) "*fl-ahjar interess tal-ulied minuri tal-partijiet ghaliex jitnaqqas l-iskop ta' dizgwid bejniethom*"; ghaliex (ii)

skond hu "*jgib il-beneficcju li l-partijiet jkunu jistghu jagixxu minghajr il-kunsens ta' xulxin*"; u (iii) jikkrea stat fejn il-partijiet "*ma jibghux responsabbli ghad-djun li xi hadd minnhom jista talvolta jaghmel*".

Illi skond il-gurisprudenza li evolviet minn meta gie emendat l-artikolu 55 tal-Kodici Civili tramite l-Att XIV tas-sena 2011 li permezz tieghu sar possibbli sabiex xi hadd mill-partijiet, waqt proceduri ta' separazzjoni, jitlob dikjarazzjoni tat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti *pendente lite,* min jopponi t-talba irid juri lil Qorti li ser ibati preġudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza – subparagrafu (4) tal-artikolu 55.

Illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell kellha okkażjoni tippronunzja ruħha dwar l-interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni b' diversi sentenzi fosthom b'sentenza mogħtija fit-28 ta' Marzu 2014 fl-ismijiet "***Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi***" fejn irriteniet illi:-

"L-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbażata t-talba attriċi, jagħti l-fakolta' lil parti jew oħra li f'kull żmien: matul is-smiegħ tal-kawża ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-komunjoni tar-residwu taħt amministrazzjoni separata li tkun teżisti bejn il-konjuġi. It-talba ghall-waqfien m'ghandiex tingħata jekk parti tkun ser issofri 'pregudizzju mhux proporzjonat'. Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwiżit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-prinċipju *incumbit ei qui dicit non ei qui negat*."

Għalhekk, l-esponenti sejra tillimita din ir-risposta għal dak li hu rilevanti għall-fini ta' tali talba u mhux se taħli l-ħin ta' din l-Onorabbli Qorti twieġeb

allegazzjonijiet li huma ftit jew xejn irrilevanti għall-fini tat-talba li qiegħed jagħmel ir-rikorrent, mhux għax l-esponenti taqbel magħhom, imma sabiex tiffoka u tindirizza l-qofol tat-talba odjerna.

(i) <u>L-ahjar interess tal-ulied minuri</u>

Illi fid-dawl ta' dak sottomess fil-paragrafu precedenti l-esponenti ma tistax tifhem ir-rilevanza ta' din ir-raguni avvanzata mir-rikorrent in sostenn tat-talba odjerna. Kif l-esponenti tinsab certa li din l-Onorabbli Qorti epurat minn dak sottomess fid-diversi udjenzi quddiemha, l-ahjar interess tat-tfal minuri tal-partijiet mhuwiex relatat mal-hruxija o meno tad-disgwid bejn il-partijiet izda mill-ottica tal-istess tfal minuri li ma jistawx jinsew kif ir-rikorrent kien jittratthom u kien jittratta lill-istess esponenti meta l-partijiet kienu ghadhom jghixu flimkien u kif allura llum **huma ilkoll**, mill-kbira ghaz-zghir, qeghdin kostantement jirresistu sabiex ikollhom kwalsiasi kuntatt mieghu. It-tfal qeghdin juru bic-car li huma ma jinxtrawx bil-flus izda bl-imhabba – haga li ma sabux minghand missierhom matul it-trobbija taghhom. It-tentattivi tar-rikorrent li jipprova llum jaghti impressjoni, *ex post facto*, li l-attitudini tat-tfal fil-konfront tieghu hija xi manigg krudili dapparti tal-esponenti sabiex tbeghdhom mir-rikorrent tfalli minn kull lat ghaliex huma l-istess tfal, u mhux l-esponenti, li ma jriduhx izjed f' hajjithom minhabba l-passat. L-isperanza li l-istess tfal juru inqas opposizzjoni lejn ir-rikorrent kemm il-darba tintlaqa it-talba odjerna hija holma rreali tar-rikorrent u xejn iktar.

(ii) <u>Beneficcju lill-partijiet ghaliex jkunu jistghu jagixxu minghajr il-kunsens ta' xulxin</u>

Illi l-uniku beneficcju imaginabbli bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti huwa biss dak tar-rikorrent. Fl-ewwel lok jigi rilevat li r-rikorrent ma gie qatt imgieghel li jitlaq mid-dar matrimonjali izda kienet ghazla tieghu li ahjar jaghmel hekk sabiex ikun jista liberament jintraprendi relazzjoni extra-matrimonjali ma l-ahhar habiba tieghu ma min, minn mindu telaq mid-dar matrimonjali, ikkoabita **apertament** maghha sija fid-Dar Centrali tal-Partit Nazzjonalista meta kien jokkupa l-kariga ta' Kap tal-Opposizzjoni u sija ghadu llum wara li tnehha mill-imsemmija kariga. L-esponenti tfakkar lil din l-Onorabbli Qorti li r-rikorrent talab u ottjena degriet minn din il-Qorti sabiex jammetti r-responsabbilta tieghu **esklussiva** ghat-tkissir irremedjabbli taz-zwieg **sa mill-ewwel gurnata taz-zwieg**! Ir-rikorrent inoltre specifika li huwa kien qed jaqbel li kien responsabbli ghal dan it-tkissir taz-zwieg ghall-istess ragunijiet li semmiet l-esponenti fir-rikors guramentat promotur taghha, ossia "*minhabba adulterju, theddid, eccessi, sevizzi, swat u ngurji gravi dapparti tal-konvenut fil-konfront tal-attrici u agir abuziv u kultant anke vjolenti fil-konfront tat-tfal taghhom*."

Illi minhabba l-fatt li r-rikorrent ma baqax jghix fid-dar matrimonjali, il-piz ghal kura tal-ghejxien tal-hames tfal tal-partijiet waqa interament fuq l-esponenti. Huwa assai ovvju li biex l-esponenti tiehu hsieb il-bzonnijiet kostanti tal-hames uliedha, hija kellha titlaq il-professjoni ta' avukat u ghalhekk spiccat minghajr ebda ntrojtu hlief ghal manteniment li jghaddilha r-rikorrent. Anke pero tali manteniment mhuwiex sufficjenti ghal bzonnijiet tal-familja li tiehu hsieb u kostantement ikollha tirrikorri ghall-ghajnuna mill-genituri taghha. F'dan il-kuntest, kif anke jinsab muri fl-atti tal-medjazzjoni li pprecedew il-kawza odjerna, minkejja li l-bzonnijiet ta' din il-familja kienu ta' circa €4,500 fix-xahar li r-rikorrent kien jivversa meta l-partijiet kienu ghadhom jghixu flimkien bis-sahha tal-professjoni redditizja tieghu; peress li r-rikorrent ghazel minn jeddu li jidhol fil-kamp politiku u peress li, skond hu, l-uniku ntrojtu nizel ghal dak ta'

€2,800 fix-xahar minhabba l-kariga ta' Kap tal-Opposizzjoni, il-Qorti (fl-istadju ta' medjazzjoni) ma kellha ebda ghazla hlief li tiffissa l-manteniment fis-somma ta' €2,750 fix-xahar oltre li zammitu responsabbli ghal hlas tal-ispejjes tal-mizati tat-tfal u l-privatijiet taghhom u l-kontijiet relatati mas-sahha tat-tfal inkluz dawk dentali taghhom (kopja nformi tad-degriet hawn anness bhala **Dok NVF1**).

Illi anke tali degriet moghti minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta juri bic-car kif dik il-Qorti ma kenitx qeghda temmen li r-rikorrent ma kienx qed jippercepixxi dhul minn bnadi ohra – fatt li llum ghandu jitqies bhala pruvat meta wiehed jara kif ir-rikorrent, minkejja li skond l-aritmetika suppost kien jifdallu biss €50 fix-xahar, f' dawn l-ahhar sentejn sakemm baqa fil-kariga ta' Kap tal-Opposizzjoni, **minn x' imkien**, kellu fondi mohbija u/jew dehlin minn bnadi ohra, sabiex ihallas il-mizati konsiderevoli tal-iskola San Anton kif ukoll l-ispejjes tal-privatijiet u dawk relatati mas-sahha tat-tfal. Ir-rikorrent qatt ma ta spjegazzjoni dwar kif irnexxielu f' dawn l-ahhar sentejn ikompli jghix hajja komda u minn fejn gew il-fondi sabiex huwa setgha jaghmel il-hlasijiet ordnati bid-degriet tas-27 ta' Dicembru 2018 li jissuperaw bil-bosta is-somma ta' €2,800 – ossia id-dhul uniku li jsostni li kien jippercepixxi.

Illi issa li r-rikorrent ma ghadux fil-kariga fuq imsemmija u, kuntrarjament ghall-esponenti, jidher li rega ntraprenda x-xoghol professjonali li b' success kellu qabel ma dahal fil-kamp politiku, huwa rimarkabbli kif appena rega sar liberu professjonista **mill-ewwel** ntavola r-rikors odjern sabiex jottjeni t-terminazzjoni tal-komunjoni biex b'hekk ikun liberu li ma jaghtix sodisfazzjon ghal xi gid kbir li f' salt wiehed jakkwista minn xi xoghol inesistenti jew klijenti ntraccabbli.

Illi huwa ghalhekk f' tali sens li l-ilqugh tat-talba tar-rikorrent, mhux biss tibbenefika unikament lir-rikorrent izda tikkrea pregudizzju mhux proporzjonat kontra l-esponenti ghaliex tiffalicita t-tehid mir-rikorrent ta' fondi ngenti li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti a beneficcju esklussiv tal-istess rikorrent.

Illi l-esponenti tosserva wkoll li r-rikors odjern gie ntavolat meta l-banek lokali bdew jesebixxu t-*transaction images* tad-diversi kontijiet bankarji tar-rikorrent li jaghtu prova ta' somom ingenti percepiti mir-rikorrent kif ukoll dwar somom konsiderevoli li l-istess rikorrent zbanka mill-istess kontijiet u li dwarhom l-istess rikorrent ghadu ma spjegax minn fejn gew tali somom jew x' ghamel mis-somom li zbanka minn kontijiet tal-komunjoni.

Illi l-esponenti taghmel riferenza partikolari ghal ftit ezempji tat-*transaction images* ezebiti mir-rapprezentant tal-Bank of Valletta fir-rigward tal-kont bankarju tar-rikorrent bin-numru 14902976037 – **mhux Clients Account**:

(i) 4 ta' Mejju 2016 – Id-dhul fil-kont tar-rikorrent tas-somma ta' **€470,464.50 (Dok NVF2)**.

(ii) 13 ta' Mejju 2016 – Ir-rikorrent jinkassa 2 cekkijiet *pay self* fl-ammont komplessiv **€81,000** (**Dok NVF3 u 4**).

(iii) 24 ta' Novembru 2016 – Ir-rikorrent jinkassa cekk *pay self* fl-ammont ta' **€10,000** (**Dok NVF5**).

(iv) 10 ta' Jannar 2017 – Ir-rikorrent jinkassa 2 cekkijiet *pay self* fl-ammont komplessiv ta' **€72,000** (**Dok NVF6 u 7**).

(v) 15 ta' Awissu 2017 – Id-dhul fil-kont tar-rikorrent tas-somma ta' **€50,000** (**Dok NVF8**).

(vi) 22 ta' Dicembru 2016 – Id-dhul fil-kont tar-rikorrent tas-somma ta' **€100,000** – (**Dok NVF9**).

(vii) 21 ta' Novembru 2016 – Id-dhul fil-kont tar-rikorrent tas-somma ta' **€40,000** (**Dok NVF10**).

Illi l-esponenti taghmel ukoll riferenza ghax-xhieda moghtija mir-rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc fl-udjenza tad-19 ta' Novembru 2020. Ghalkemm it-traskrizzjoni tax-xhieda ta' l-imsemmi rapprezentant ghadha mhijiex disponibbli, tali xhud semma li f' Mejju 2020 ir-rikorrent odjern kien talab moratorium fuq il-pagamenti li kien qed jaghmel lil bank dwar il-loans li fuqhom suppost kien qed jaghmel pagamenti mensili. Ix-xhud qal li peress li l-esponenti ma tatx il-kunsens taghha, il-bank ma setax jilqa t-talba ghal moratorium. Din it-talba ghal moratorium mir-rikorrent hija pjuttost inspjegabbli unavolta maghmula minnu meta huwa kien ghadu Kap tal-Opposizzjoni u kwindi kien qed jircievi regolarment is-salarju tieghu, bla ebda tnaqqis avvolja waqt il-pandemija. L-unika raguni plawsibbli ghal tali rikjesta tista tkun biss ghaliex id-dhul tieghu **minn sorsi mohbija** kienu naqsulu u ghalhekk ma kienx qed ilahhaq mal-pagamenti. Ir-rikorrent sallum ma jaghti ebda spjegazzjoni ghalfejn ghamel tali talba lil bank. Inoltre l-istess bank ma jaghtix spjegazzjoni ghalfejn minkejja li ma setax jikkunsidra t-talba tar-rikorrent ghal moratorium, xorta wahda ma ha ebda passi dwar il-fatt li r-rikorrent, skond id-dokumenti ezebiti mill-istess bank, xorta wahda **ma ghamel ebda pagamenti lilhom minn Frar 2020**.

(iii) <u>Il-partijiet ma jibqawx responsabbli ghal djun li xi hadd minnhom jista jaghmel</u>

Illi bl-ilqugh tat-talba tar-rikorrent, ghalkemm huwa minnu dak li jasserixxi r-rikorrent, huwa konvenjentement qieghed jinsa jew jinjora l-konsegwenza li ggib maghha tali fakolta' individwali tal-partijiet ghal hlas effettiv tad-djun esistenti tal-komunjoni tal-akkwisti. Gjaladarba l-esponenti ma jistax ikollha dhul mill-professjoni taghha ghaliex trid tiehu hsieb l-hames uliedha u konsegwentement ma tista tinkorri ebda dejn ulterjuri hlief mal-genituri taghha sabiex taghmel tajjeb ghan-nuqqas minn naha tar-rikorrent li jerfa kif suppost ir-responsabbilta ghal-hlas tal-bzonnijiet tat-tfal, huwa biss ir-rikorrent li, bis-sahha li llum qed jerga jesercita l-professjoni tieghu, isib il-liberta li jikkuntratta dejn li altrimenti ma jkunx jista jaghmlu minghajr il-kunsens tal-esponenti. Id-dejn tal-komunjoni tal-akkwisti mal-banek hija ta' circa €700,000 filwaqt li d-dejn tal-istess komunjoni mal-genituri tal-esponenti tissupera is-somma ta' €200,000. Kull ma hemm jaghmel tajjeb ghal tali dejn huma id-dar matrimonjali (fejn tghix l-esponenti u l-hames uliedha) u fond fil-Buskett. F' tali cirkostanzi kwalsiasi dejn ulterjuri li r-rikorrent jikkontratta bis-sahha tal-ilqugh tat-talba ghat-terminazzjoni tal-komunjon tal-akkwisti ma jistax hlief iwassal ghar-risultat li d-dar matrimonjali jkollha titpogga ghal bejgh, potenzjalment bis-subbasta, bil-konsegwenza li l-esponenti u uliedha jkunu jridu jsibu saqaf iehor taht rashom.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment tissottometti li t-talba tar-rikorrent ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT:**

Illi b'rikors ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap, il-konvenut qed jitlob li r-regim tal-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-partijiet jitwaqqaf. Dan essenzjalment ifisser li mid-data tas-sentenza in parte 'l quddiem, il-partijiet ma jibqghux marbuta bil-komunjoni, izda jkunu jistghu jixtru u jakkwistaw proprjeta' f'isimhom. Dan ma jfissirx, pero', li l-proprjeta' li sa dakinhar tifforma parti mill-komunjoni tigi b'xi mod imnaqqsa. Dik il-proprjeta' ghandha tibqa' hekk mizmunma f'sehem wiehed u shih sa ma tigi likwidata l-istess komunjoni fis-sentenza finali.

Huwa f'dan id-dawl, ghalhekk, li l-Qorti ghandha tezamina l-oggezzjoni li giet sollevata mill-attrici ghal din it-talba. L-oggezzjoni hija bbazata fuq il-principju li tali waqfien tista' tohloq pregudizzju mhux proporzjonat lill-istess attrici. Dan hu spjegat fid-dettall minnha fir-risposta taghha. Di fatti, talbiet bhal dawn mhux dejjem jintlaqghu mill-Qorti. Hija d-diskrezzjoni tal-Qorti li tiddetermina jekk tali talba timmeritax li tigi milqugha jew le. Ghalhekk il-Qorti sejra taghmel riferenza ghal sentenzi tal-Qorti tal-Appell f'dan ir-rigward.

Hekk, pre ezempju, fis-sentenza fl-ismijiet "Asciak Ronald v. Asciak Antonia", deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Dicembru, 2019, dik il-Qorti, fost konsiderazzjonijiet ohra, qalet hekk:

> *"Ghal dak li huma osservazzjonijiet ta' natura guridika din il-Qorti a skans ta' ripetizzjoni taghmel referenza ghall-principji legali u gurisprudenzjali migbura fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet: App.C* ***Daniela Mizzi v. Duncan Mizzi*** *deciza fit-28 ta' Marzu 2014; App.C* ***Pierre Darmanin v. Louise Darmanin*** *deciza fl-14 ta' Marzu 2019 u App.*

*Civ. 177/15 App.C* ***Dorianne Sammut v. Carmelo Sammut*** *deciza fil-31 ta' Mejju 2019.*

*Fil-mertu din il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.*

*Fl-ewwel lok tosserva li, minkejja li l-konvenuta tghid li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ser ikun ta' pregudizzju ghaliha, minhabba li ma tafx ser jigi min-negozju gestit mill-attur, tenut kont li, l-attur ilu zmien twil jghix ma' mara ohra, u wkoll tenut kont li, skond hi, diga` sar tbaghbis u falsifikazzjoni fl-investimenti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti biex parti minnhom gew mibjugha minghajr il-firma taghha, hi ma ressqet ebda prova biex tissostanzja dak minnha allegat. L-oneru tal-prova tal-pregudizzju mhux proporzjonat jirrisjedi fuq minn qed jallegah, f'dan il-kaz, il-konvenuta u ghalhekk hi ghandha l-oneru li tressaq provi in sostenn ta' dak allegat minnha. Fir-rigward, il-konvenuta baqghet mankanti, minkejja li l-kawza ilha ghall-provi tal-konvenuta mid-9 ta' Frar 2017.*

*Fit-tieni lok tosserva li l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat, b'mod li dak li setghu ghamlu z-zewg partijiet qabel id-data li fiha tkun inghatat l-ordni ma jippregudikax is-sehem taghhom mill-istess komunjoni. Il-partijiet ghandhom id-dritt li jibqghu jressqu provi dwar l-assi tal-komunjoni ezistenti sa dik id-data, anke wara li tkun inghatat l-ordni tal-waqfien. Barra minnhekk il-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, taht it-Titolu VI intestat* ***"Fuq l-Atti Kawtelatorji"*** *jaghti rimedji legali sabiex il-partijiet jiehdu l-mizuri biex jissalvagwardjaw l-interessi taghhom vis-à-vis il-komunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk il-konvenuta dejjem ghandha dawn ir-rimedji kawtelatorji biex tissalvagwardja sehemha mill-assi tal-komunjoni.*

*Fit-tielet lok mill-provi jirrizulta pacifiku li l-konvenuta baqghet tghix fid-dar matrimonjali [villa] bi spejjez imhallsin mill-attur li inoltre jivversalha manteniment mensili ghal ghejxien taghha ta' €1,000 fix-xahar u ghalhekk, minghajr pregudizzju ghad-dritt taghha li titlob awment fil-manteniment*

*jekk ikun opportun, din il-Qorti ma tarax li f'dan l-istadju l-konvenuta ser tbati pregudizzju mhux sproporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni.*

*Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti ma tistax taqbel mal-motivazzjoni tal-ewwel Qorti li abbazi taghhom cahdet it-talba tal-attur fuq il-konsiderazzjonijiet li "hemm certi perikoli x'jista' jsir bin-negozju" u ghax "ghadu mhux stabbilit definittivament il-konsistenza tal-komunjoni tal-akkwisti."*

Fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet Spiteri Elizabeth vs Spiteri Carmelo, deciza fl-24 ta' Ottubru, 2019, il-Qorti tal-Appell qalet hekk:

*"Rigward l-ewwel aggravju, din il-Qorti tosserva li, dak sostnut mill-attrici li l-waqfien tal-kommunjoni that l-artikolu 55[1] u allura qabel l-ghoti tas-sentenza finali huwa minnu innfisu pregudizzjevoli ghall-parti tant li hemm dritt awtomatiku ta' appell minghajr il-permess tal-ewwel Qorti, mhuwiex guridikament korrett. Fl-ewwel lok jinghad li l-ewwel Qorti, salv ghal dak li jghid is-subinciz 4, ghandha diskrezzjoni dwar jekk tilqax it-talba jew le li jfisser li, jekk dik il-Qorti tara li xi parti ser issofri pregudizzju mhux proporzjonat, tista' ma tilqax it-talba. Inoltre, id-dritt ta' appell minghajr il-htiega tal-permess tal-ewwel Qorti, ma jimmilitax kontra l-dak li intqal fuq, ghax dan hu dritt li l-legislatur ried jassikura lil kull parti li thossha milquta sfavorevolment minn dik is-sentenza parzjali minkejja li l-proceduri tas-separazzjoni, li f' certu kazijiet jiehdu tul ta' zmien biex jigu konkjuzi, ikunu ghadhom ghaddejjin. Izda b'daqshekk ma jfissirx li l-waqfien tal-kommunjoni "huwa minnu innifsu pregudizzjevoli" b'mod li f'kull kaz m'ghandux jinghata. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat.*

*Rigward it-tieni aggravju, din il-Qorti tissenjala li s-sentenza appellata tirreferi ghall-futur u mhux ghall-passat u ma taffettwax l-assi tal-*

*kommunjoni tal-akkwisti ezistenti sad-data tal-ordni ghall-waqfien. Ghalhekk d-diffikulta' li qed tilmenta minnha l-attrici li b' tali ordni jkun aktar difficli ghaliha li tistabbilixxi l-kontenut tal-kommunjoni tal-akkwisti, hija estranea ghall-proceduri in dizamina. L-attrici dejjem ser tibqa' intitolata ghas-sehem taghha mill-kommunjoni tal-akkwisti ezistenti qabel l-ordni tal-waqfien u dejjem jibqala' d-dritt li tistabbilixxi il-konsistenza ta' dawk l-assi u tissalvagwarda l-interessi taghha bir-rimedji kawtelatorji disponibbli ghaliha fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Ghaldaqstant anke dan l-aggravju mhuwiex gustifikat.*

*Rigward it-tielet, r-raba u l-hames aggravji, din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-aggravju precedenti, tissenjala li taqbel mar-ragunament tal-ewwel Qorti li tqis bhala mhux valida l-konsiderazzjoni li bl-ordni tal-waqfien l-attrici ser tigi imcahhda mis-sehem taghha mill-introjtu tal-konvenut wara l-ghoti tal-ordni minkejja li, skond hi, t-tort tas-separazzjoni huwa attribwibbli lill-konvenut. Il-Qorti tosserva li huwa minnu li fiz-zwieg fejn jezisti r-regim tal-kommunjoni l-partijiet huma socji indaqs, izda huwa minnu wkoll li bis-separazzjoni anke de facto s-sitwazzjoni tal-partijiet tinbidel partikolarment bhal fil-kaz prezenti fejn il-firda de facto tkun ilha zmien tezisti bejn il-partijiet.*

*Inoltre, ma jirrizultax li l-attrici hija nieqsa mill-affarijiet essenzjali ghall-ghejxien taghha f' liema kaz hija dejjem ghandha dritt titlob rimedju f' forma ta' awment fil-manteniment taghha mill-ewwel Qorti.*

*Ukoll, jirrizulta ammess mill-istess attrici li l-gid kollu li ghandhom il-partijiet sa issa kien gie kollu generat mill-konvenut u ghalhekk mhux il-kaz li bil-waqfien tal-kommunjoni l-attrici ser titlef dak li hi kienet ikkontribwiet ghalih b' xogholha, bhal per ezempju jkun il-kaz fejn parti tkun ikkontribwiet sostanzjalment bil-hidma taghha ghan-negozju tal-parti l-ohra li tkun ser tkompli tarrikkixxi ruhha bil-gestjoni tan-negozju wara li*

*waqfien tal-kommunjoni. Il-kontribut tal-attrici fil-kaz odjern jidher li hu dak li hi kienet tiehu hsieb id-dar u l-familja, inkluz lill-konvenut, u bl-ordni tal-waqfien ix-xoghol li kienet ghamlet id-dar xorta ghad jista' jinghata valur ekonomiku u jigi kwantifikat mill-Qorti fil-likwidazzjoni tal-kommunjoni ezistenti qabel l-ordni tal-waqfien. Ghaldaqstant dawn l-aggravji mhumiex gustifikati.*

*Rigward is-sitt aggravju, din il-Qorti, filwaqt li taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet premessi, tirribadixxi li l-ordni tal-waqfien tirreferi ghall-futur, u ghalhekk il-fatt li matul il-proceduri l-attrici saret taf li l-konvenut kellu kontijiet bankarji li ma kinitx taf bihom qabel, huwa irrelevanti ghall-vertenza in dizamina. Ghalhekk anke dan l-aggravju mhuwiex gustifikat."*

Ukoll, fis-sentenza fl-ismijiet Lowell Borg Desiree vs Lowell Michael, deciza fit-30 ta' Ottubru, 2015, dik il-Qorti qalet:

*"…il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twaqqfet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirriferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga` dahlu u qeghdin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici."*

Fi kliem iehor, il-Qorti fehmet b'dan l-insenjament tal-Qorti tal-Appell li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jghodd mid-data tas-sentenza 'l quddiem. Dak li gia' jifforma parti mill-komunjoni jibqa' hekk jifforma parti minnu sakemm tinghata s-sentenza finali, fejn l-assi jigu divizi bejn il-partijiet. Ghalhekk, b'din is-sentenza, qieghed jigri biss li l-komunjoni tigi kristallizzata u preservata sa ma tigi diviza. Tant hu hekk, li jekk jirrisulta li xi parti minna giet

trasferita lil terz, jew xi proprjeta' giet mohbija mill-parti l-ohra, jibghu r-rimedji skond il-ligi a favur ta' dik il-parti li skopriet tali nuqqas. Il-waqfien tal-komunjoni, ghalhekk, mhuwiex intenzjonat li johloq zvantagg jew, fi kliem il-Qorti, pregudizzju mhux proporzjonat lil wahda mill-partijiet, sakemm ma jissusistux elementi li jwasslu ghal tali pregudizzju. Fil-kaz odjern, l-attrici tidher preokkupata bl-amministrazzjoni tal-assi u tad-djun imwettaq mill-konvenut li jifformaw parti mill-komunjoni, peress illi, skond hi, ghadha sallum ma tafx ezatt x'inhu l-kwadru korrett tal-konsistenza tal-komunjoni. Anke jekk huwa hekk, dan il-fatt wahdu ma jzommx il-Qorti milli tordna t-twaqqif tal-konunjoni. Anke wara l-ghoti ta' din is-sentenza, il-Qorti ser tkompli tisma' l-provi tal-partijiet, anke dwar l-istess komunjoni, u ser tibqa' tinbena l-istampa dwar l-istess komunjoni. Din tigi likwidata mas-sentenza finali wara li jigi stabbilit it-tort – gia' ammess mill-istess konvenut – ghas-separazzjoni. Tenut kont ukoll tal-ordni ghall-hlas ta' manteniment, kif ukoll l-ordni ghall-hlas tal-mizati tal-edukazzjoni tat-tfal, u tenut kont ukoll tal-fatt li l-attrici tista' terga' tibda tesercita l-professjoni taghha, il-Qorti hi tal-fehma li ma hemmx pregudizzju sproporzjonat fuq l-attrici jekk it-talba ghall-waqfien tal-komunjoni tintlaqa'.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;
Tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**Onor. Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**